**19 ta' Ġunju, 1950**

**Imħallfin :**

**L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *A/President***
**L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.**
**L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

**Kaptan Joseph Degiorgio et. versus Carmelo Mallia ne. (*)**

**"War Damage Commission" — Ħsara tal-Gwerra — Appell — Kwistjoni ta' Dritt — Art. 24 (6) ta' l-Ordinanza III ta' l-1943.**

*Id-deċiżjoni tal-War Damage Commission dwar jekk ħsara partikulari taqax taħt id-definizzjoni li l-liġi tagħti ta' dak li huwa "war damage" hija kwistjoni ta' interpretazzjoni, u mhux ta' applikazzjoni, tal-liġi, li tagħti lok għall-appell minn dik id-deċiżjoni.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors tal-Kaptan Joseph u ta' Gerald Degiorgio u ta' Lucy mart il-Maestro Paolo Nani minnu assistita, li fih esponew illi l-fondi nri. 23 u 24 Church Wharf, Marsa, proprjetà ta' l-esponenti, ġew danneġġjati ħafif b'ħidma tal-għadu, u r-relativi "claims" ġew reġistrati mal-War Damage Commission; illi x-xogħlijiet tat-tiswija, li kienu ħfief (injam, madum, etc.) u mhux ta' natura strutturali, ma kienux saru meta fis-6 ta' Jannar 1949 dawn il-fondi (wieħed sovrappost għall-ieħor) iġġarrfu, u dan it-tiġrif ġie kawżat millfatt illi l-fond attigwu kien ġie mwaqqa' għal kollox b'ħidma tal-għadu, u għalhekk il-fondi in kwistjoni naqsilhom is-support laterali li huma kellhom meta l-fond attigwu fuq imsemmi kien għadu sħiħ; illi b'ittra tas-27 ta' Marzu 1950, li l-esponenti rċevew fit-28 ta' Marzu, il-Kummissjoni għall-Ħsarat tal-Gwerra nnotifikat lill-esponenti illi ma setgħetx taċċetta l-ħsara kawżata minn dan it-tiġrif bħala "war damage" kif definit fil-"War Damage Ordinance"; illi huma ħassew ruħhom aggravati minn dika d-deċiżjoni, u għalhekk għamlu appell lil dina l-Onorabbli Qorti; illi t-tiġrif in kwistjoni għandu jiġi kunsidrat bħala kawżat direttament mill-ħidma tal-għadu, u dan għar-raġuni illi, kieku l-fond attigwu ma ġiex imġarraf millgħadu, il-fondi in kwistjoni ma kienx jonqsilhom is-support laterali—nuqqas li kien il-kawża prinċipali tat-tiġrif tal-fondi; u

(*) Maqtugħa fil-meritu b'sentenza tad-29 ta' Novembru 1950 (pubblikata).

talbu li d-deċiżjoni fuq imsemmija tal-War Damage Commission tiġi revokata, u illi dina l-Onorabbli Qorti tiddeċidi billi tiddikjara illi l-ħsara sofferta bit-tigrif tal-fondi nri. 23 u 24, Church Wharf, Marsa, fis-6 ta' Jannar 1949, għandha tiġi aċċettata mill-War Damage Commission bħala "war damage" kif definit fil-"War Damage Ordinance";

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 24 (6) tal-War Damage Ordinance—III ta' l-1943—kull min "jinħhirlu li ġie maħqur b'deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq xi kwistjoni li taħt dan l-artikolu għandha tiġi maqtugħa minnha, minbarra deċiżjoni li fuqha jista' jsir appell taħt it-taqsima (2) ta' dan l-artikolu, huwa jista' jappella minnha fuq pont tal-liġi biss, lill-Qorti ta' l-Appell........" Għalhekk qabel xejn il-Qorti għandha tara jekk l-appell tar-rikorrenti jirrigwardax xi pont tal-liġi li fuqu ddeċediet il-Kummissjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-Kummissjoni bdiet biex iddeċediet li l-ħsara addizzjonali pretiża mir-rikorrenti ma hijiex ħsara tal-gwerra kif tinsab definita mill-War Damage Ordinance. L-Ordinanza, fl-art. 2, tagħti d-definizzjoni ta' x'inhu "war damage"; u għalhekk il-kwistjoni jekk ħsara partikulari taqax taħt dik id-definizzjoni jew le hija ċertament kwistjoni ta' interpretazzjoni, u mhux biss ta' applikazzjoni tal-liġi, għax tirsolvi ruħha fi kwistjoni legali. Il-Qorti Ingliża, fis-sentenza re "Bean vs. Doncaster Amalgamated Collieries" (1940—2 A.E.R. 279) per Du Parq, L.J., kellha okkażjoni tagħti direttivi għad-distinzjoni bejn pont ta' liġi u pont ta' fatt; u qalet:— "If, once the primary facts have been ascertained, only one answer posed can be correct, then the question is one of law. If, however, the question admits of more than one correct answer, then it is a question of fact, and no error in point of law will have been made unless there was no evidence upon which reasonable men could have arrived at the conclusion of fact";

Dawn il-kriterji, applikati għall-kwistjoni jekk ċerta ħsara determinata taqax taħt id-definizzjoni ta' ħsara tal-gwerra, iwasslu għal risposta waħda; u għalhekk ma jistax ikun hemm dubju li l-kwistjoni hija waħda ta' pont ta' liġi. Għaldaqstant

taħt dan l-aspett il-kwistjoni bejn il-partijiet hija appellabili quddiem dil-Qorti; salv il-meritu tal-kwistjoni stess;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità mogħtija mill-appellat; bl-ispejjeż kontra tiegħu.

---